**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 96/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista:-23**

**Sharon Cachia (K.I. 557677M)**

**Namaste**

**Triq Bur Langasa,**

**Zurrieq**

**Vs**

**Joseph Sammut (K.I. 277782M)**

**Filder Market**

**Triq ix-Xarolla**

**Zurrieq**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attrici fil-21 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallasha s-somma ta' tlett elef disa' mija u tletin ewro (€3,930) bilanc ta' self tas-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) li hija ghaddiet lill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut a fol 15 li permezz taghha eccepixxa li l-ammont mhux dovut kif lanqas is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) ma hija dovuta; Li l-attrici hallset is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) minn jhedda biex tixtri container bi prodotti diversi u tiehu l-qliegh taghhom appena jinbieghu stante li hija kienet partner mieghu fin-negozju u ma kienetx impjegata bhala manager; li mal-accettazzjoni tal-konsenja 'Prince' huwa hallas zewg cekkijiet lil-attrici ta' ghaxart elef ewro (€10,000) liema cekkijiet l-attrici sarfithom; li l-attrici tilfet l-impjieg taghha stante li konsistentement kienet qed tghid mal-klijenti tal-intimat u mas-suppliers kontra tieghu u din l-attitudni ma hallietlu xejn ghajr li jitterminalha l-impjieg; li vera li huwa accettaha lura ghax-xoghol u din id-darba hija ddecidiet li tieqaf minghajr ma taghtih notice period; li l-uniku cekk li huwa hareg lill-attrici u twaqqaf kien ghar-raguni li wara huwa skopra li l-attrici ma kienet hallset qatt t-taxxa u s-sigurta' nazzjonali kif kien il-ftehim maghhom; li huwa soffra danni ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ta' prodotti skaduti minhabba li l-attrici naqset li tiehu hsieb il-hwienet kif miftiehem.

A fol 20 fil-kontro-talba l-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob li l-attrici rikonvenzjonata thallsu s-somma bejn hamest elef ewro (€5,000) u sebat elef ewro (€7,000) bhala somma li telfet lil Filder Market milli jkompli jiggenera l-qliegh u dan minkejja li l-attrici kienet accettat l-pozizzjoni ta' partner kif ukoll obbligat ruhha li tmexxi n-negozju kif mistenni fiz-zewgt ihwienet.

A fol 21 fir-risposta taghha ghal kontro-talba tal-konvenut l-attrici rikonvenzjonata wiegbet li mhux vera hija kienet partner mal-konvenut fin-negozju Filder Market gewwa z-Zurrieq u l-Imqabba izda hija kienet biss impjegata tant li l-paga miftehma kienet dik ta' tlett mitt ewro (€300) fil-gimgha u dan jirrizulta mil-FS3 li produciet l-attrici stess fit-talba taghha; li partner f'negozju ma jigix unilateralment mkecci minn partner iehor minghajr ebda gustifikazzjoni u jew proceduri appositi kif kontemplati mil-ligi; li kieku veru kienet partner il-konvenut kien jiehu passi kontra taghha u mhux jistenna dawn il-proceduri biex jaghmel dan; li l-konvenut waqa' lura fil-hlas tal-obbligi tieghu mal-agenti u b'rizultat ta' hekk huwa tefa' n-negozju lura; li c-cekkijiet li prezenta l-konvenut jippruvaw dan stante li l-attrici kienet selfitu diversi drabi ohra flus u l-ftehim dejjem kien li jhallasha lura l-ammont li kienet selfitu. Hija kienet selfitu s-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) fl-04 ta' Gunju, 2015 u sitt mitt ewro (€600) fl-01 ta' Ottubru, 2015 u fil-fatt huwa rrifonda dawn iz-zewg ammonti permezz ta' cekkijiet post dated fit-30 ta'

Novembru, 2016; li kieku kienet partner fin-negozju dawn il-flus kienu jitqiesu bhala sehma fin-negozju u ghalhekk ma kienux jigu mhallsa lura; barra minn hekk kien ikun mhallas lill-attrici parti mill-qligh tan-negozju; li l-konvenut ma kien jipprovdi ebda forma ta' rendikont ta' kif sejjer in-negozju bhal partner tieghu jew xi forma ta' dokumenti li juri l-hatra tal-attrici bhala partner fin-negozju.

A fol 24 xehdet Sharon Cachia l-attrici permezz ta' affidavit li hija kient tahdem fil-Filder Market gewwa z-Zurrieq qabel ma kien hadu f'idejh il-konvenut u dan ghax kien jappartjeni lil huha. Wara huha hadu haddiehor u wara xi sena l-hanut hadu l-konvenut. Hija bdiet mal-konvenut f'Dicembru, 2010 sakemm telqet fil-05 ta' Settembru, 2016. L-ewwel erba' snin hija kienet tahdem mieghu bhala casual worker.

Meta l-konvenut ha f'idejh il-hanut taz-Zurrieq huwa fetah it-tieni hanut fl-Imqabba bl-istess isem u dan kien madwar erba' snin ilu (cioe' 2013). Mieghu kellu wkoll zewg impjegati ohra li wahda minnhom kienet tiehu hsieb hi. Sentejn ilu huwa impjegahom full time u dak iz-zmien kien qalilha biex tehodlu hsieb il-hanut tal-Imqabba.

Il-konvenut f'xi zmien thajjar jimporta l-birra 'Prince' minn barra u talabha isselfu xi flus. Hija selfitu ghax kien ukoll iweghda li kif jaghmel il-qligh jaghtiha xi haga minn dan il-qliegh. Wara li biegh l-ewwel kunsinna huwa gab aktar birra izda qliegh minn dan il-bejgh ma ghaddielha xejn u rega xtara aktar. Gieli kien jitlobha xi flus biex jixtri l-birra ghax billi hu kien qieghed ibieghha f'supermarkets ohra gieli kien idum biex jithallas.

Hija selfitu l-ewwel fit-03 ta' Mejju, 2016 is-somma ta' sebat elef ewro (€7,000). Fil-bidu ta' Lulju 2016 huma tlewmu u l-konvenut qalilha biex ma tirrapurtax aktar ghax-xoghol. Wara xi jumejn cemplilha u talabha biex terga tibda x-xoghol mieghu. Fl-ahhar gimgha ta' Awwissu gie jargumenta li ma kienux qed ibieghu bizzejjed u qaltlu li l-gimgha ta' wara kienet ser tkun l-ahhar gimgha taghha u telqet f'Settembru, 2016. Hija talbitu l-paga li kellu jaghtiha u dik il-gimgha stess tahielha.

Ftit jiem qabel telqet huwa ta tlett cekkijiet biex ihallasha lura l-flus li kienet selfitu. Ic-cekkijiet kienu post dated, wiehed kien ta' sitt elef ewro (€6,000) u iehor ta' ghaxaer elef (€10,000) li kellhom jissarfu sal-ahhar ta' Novembru, 2016 u l-ahhar cekk ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) kellu jissarraf it-30 ta' Dicembru, 2016. Ta' Novembru ssarfu izda ta' Dicembru fl-ammont ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) ma ssarrafx ghax l-

bank gharrafha li l-konvenut kien ghamel stop payment. Meta staqsietu huwa infurmaha permezz ta' ittra li c-cekk kellu jhassru u baghtilha chekk ta' tlett elef u sebghin ewro (€3,070) ghax qalilha li kellha taghti xi taxxa u bolla li kien halsilha zejjed. Hija marret ghan l-accountant tal-konvenut Kevin Avellino u meta ccekjalha infurmaha li mhux talli hija kienet hallset kollox izda sab li kellha tiehu ghax lanqas il-bonus ma kienet thallset. Hija kitbitlu bl-avukat.

Meta ra li din l-iskuza ma treggix huwa vvinta li ghandha taghtih dsatax-il elf u hames mitt ewro (€19,500) permezz ta' ittra bil-procedura tal-Artikolu 166A li rceviet minghandu u li sebat elef ewro (€7,000) minnhom huma minhabba li hija accettat xoghol skadut fil-hanut. Hija tichad dan u x-xoghol li accettat ma kienx skadut u kien kollu sew. Hija kienet tinfurmah meta jkun hemm oggetti ser jiskadu u kien jghidilha biex taghmilhom fil-freezer sabiex meta jigi l-agent johodhom u / jew inaqqaslu l-ammont li kellu jtih tal-ordni l-gdida jew l-agent itih cekk lura biex ihallsu tal-oggetti ritornati. Izda l-konvenut kien jaqa' lura fil-hlas lil agenti u beda jaghmlilhom cekkijiet post dated ghal tlett xhur meta hu kellu jhallas f'xahar u l-agenti ftit bdew jafdawh u jigu biex jiehdu l-ordnijiet. Ghalhekk l-affarijiet li kellhom jigu ritornati kienu qed jakkumulaw gmielhom. Hija kienet tghidlu bihom il-hin kollu u huwa kien jaf ezattament x'qed jigri.

Il-bilanc ta' tnax-il elf ewro (€12,000) fl-istess ittra skond l-Artikolu 166A huwa jghid li kienu tal-birra li fadal fil-hanut u li ma rnexxilux ibiegh. L-attrici tghid li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-promozzjoni tal-birra u l-flus li taghtu biex jixtriha kellu jmur hu ibieghha fil-hwienet tant li meta huwa beda ibiegh lil 'Pavi' hija avzatu li dawk kbar u jdumu ma jhallsu u li hu ma kienx ser jiflah jissaportihom sakemm jithallas.

A fol 31 xehed Kevin Avellino li fis-sena 2016 il-konvenut kien avvicinah biex jibda johodlu hsieb l-accounts. Huwa jaf li kienu ftehmu li l-attrici tiehu paga ta' tlett mitt ewro (€300) fil-gimgha. Skont hu l-partijiet ftehmu tlett mitt ewro (€300) netti paga fil-gimgha u l-konvenut kien responsabbli ghat-taxxa u bolla kollha. Skont hu l-FS3 tal-attrici turi li hija covered daqs li kieku mhallsin. Mitlub jispjega l-figuri fl-FS3 tas-snin 2015 u 2016 u li maghhom qablet il-konvenuta Avellino xehed li xorta hemm problema fuq l-ammonti ta' taxxa u bolol li talabha ghax hi qaltlu li l-paga li kien jaghti ta' tlett mitt ewro (€300) fil-gimgha apparti min-nofs Lulju, 2016 sa meta spiccat f'Settembru, 2016 fejn qalet li kien jaghtiha erba' mitt ewro (€400) fil-gimgha. Huwa ma kienx jaf b'dan izda

l-bicca hi ta tlett mitt ewro (€300) f'idejha wara li taqta' t-taxxa u bolla u b'dan ried ifisser meta qal lill-attrici li min-naha taghha diga hallset lil-konvenut u ma jidher li ghandha taghtih xejn.

A fol 40 xehed il-konvenut in subizzjoni li huwa dahhal lill-attrici shab mieghu. Hija harget sitt elef ewro (€6,000) u l-figura mhux ezatt imma qeghdin hemmhekk. Fil-bidu hija harget sebat elef (7,000) li skont hu dan cucata ghax il-hanut kien hemm mijiet ta' eluf. Meta bdew jimpurtaw il-'Prince' kienu marru ghand nutara Mary Cutajar minn Hal Safi. Huwa jichad li l-attrici kienet impjegata u li kienet partner mieghu tal-hanut kollu izda skrittura qatt ma saret. Huwa jghid spjega li d-danni kawzati lilu kienu jikkonsisti f'madwar hmistax-il elf (15,000) prodotti skaduti u hamsa u ghoxrin elf (25,000) birra li intremiet ghax kien hemm kuntratt falz.

A fol 46 et fl-affidavit tieghu l-konvenut xehed li ilu jaf lill-attrici ghal dawn l-ahhar sitta jew seba' snin. L-attrici kienet tahdem ma' huha u kellha esperjenza f'dan ix-xoghol u huwa kellu bzonn l-ghajnuna u haddem mieghu lill-attrici. Huma kellhom relazzjoni u anke bdew jippjanaw futur flimkien. Huwa wara ftit fetah hanut iehor l-Imqabba u talabha sselfu ghaxart elef (€10,000) minhabba problemi finanzjarji li kellu u ftehmu li jaghmlu hames snin jopperaw il-business, jiehdu tlett mitt ewro (€300) paga kull wiehed imbaghad wara li jghaddu dawn il-hames snin jaghlqu l-kontijiet u jaqsmu l-qliegh li jkun baqa' u l-partijiet bdew jiehdu tlett mitt ewro (€300) paga kull wiehed.

Ftit wara gie agent u hajjarhom biex jixtru l-birra 'Prince' u qalilhom li huwa kien ser izarma u kien qed jitlob hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Huwa jghid li ma kienx interessat izda l-attrici insistiet li kienet bicca negozju tajba u ma xtaqetx titlifha. Huwa fehma li ma kellhomx biex jixtru u lanqas biex jimpurtaw container birra li kien jiswa bejn wiehed u iehor erbatax-il elf ewro (€14,000). L-attrici offriet li tista tohrog sitt elef ewro (€6,000) u qaltlu li dawn ma kellhiex hliefhom. Huma ghamlu proposta lil agent li l-hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) ituwhomlu f'cekkijiet post dated maqsumin biex jaghtihom nifs. Saret laqgha ghand id-dar tal-agent wara nofsinhar il-Hadd wara li ghalqu l-hanut u ghaddielhom id-dokumenti li juru li huwa biss ghandu l-permess li jimporta l-birra 'Prince' gewwa l-gzejjer Maltin. B'dawk il-karti huma baqghu sejrin ghand in-Nutara Mary Cutajar fl-ufficcju taghha Hal Safi biex tarahulhom u taghtihom parir. Huwa u l-attrici xtraw in-negozju u bdew jimpurtaw il-birra flimkien mal-operat ta' zewgt

ihwienet. Dan kien jirrikjedi hafna xoghol u ghalhekk iddecidew li huwa jiehu hsieb in-negozju tal-birra u l-attrici dak taz-zewgt ihwienet. Il-bejgh tal-birra mar tajjeb tant li kellhom jinvestu madwar ghoxrin elf ewro (€20,000) f'lifter u van li nhargu mill-overdraft tal-hanut. Minhabba li x-xoghol zdied kellhom jimpurtaw aktar u flus ma kellhomx u l-attrici harget somma ohra ta' sebat elef (€7,000) sabiex setghu jibqghu ghaddejjin u jordnaw container iehor. Huwa jaqbel li l-attrici harget ghaxart elef ewro (€10,000), sitt elef ewro (€6,000) u sebat elef ewro (€7,000) bhala investiment.

Il-konvenut qal li l-attrici bdiet tiftahar ma' kulhadd kemm sejrin tajjeb bl-importazzjoni tal-birra u kellu jimpjega lil Daniela Sammut wara li l-attrici bdiet tilmenta li ghandha bzonn l-ghajnuna. Din huwa spicca b'relazzjoni maghha u anke kien ser jizzewwigha. Huwa jghid li kif rat hekk l-attrici bdiet tkun difficli tant li ma riditx tiehu hsieb il-hanut tal-Imqabba ghax kienet toqghod San Pawl il-Bahar u kellha l-boghod; kellha ssiefer il-Bulgarija biex tippromwovi l-birra hemmhekk u ma zammitx kelmitha li taghmel hames snin f'dan in-negozju. Huwa sar jaf li ser titlaq meta sab bicca karta fuq il-laptop tieghu li tinfurmah bl-ahhar gurnata tax-xoghol taghha. Huwa pprova jfehma li ma tistax tinvesti flusu u mbaghad titlobhom lura.

L-attrici bdiet tmur il-hanut tiggieled u tghajjat mieghu u biex jehles minnha ghamlilha tlett post dated cheques biex thallih bi kwietu li kienu jammontaw ghal tlieta u ghoxrin elf u erba' mitt ewro (€23,400) liema kienet is-somma ezatta li nvestiet hi. Izda dan kien kollu ghalxejn ghax xorta baqghet tmur il-hanut u taghmillu x-xenati. Hija ghal darb ohra jghid il-konvenut pprezentat ruhha b'somma ta' sebat elef ewro (€7,000) li qalet li ma kellhiex hliefhom biex ikomplu ghaddejjin u jordnaw container iehor. B'kollox hija investiet tlett darbiet - ghaxart elef ewro (€10,000), sitt elef ewro (€6,000) u sebat elef ewro (€7,000) u mhux kif qed tghid l-attrici li darbtejn biss.

Avellino kien gablu l-FS3 tal-attrici li kient tghid €300 minflok €380 u dan skont hu b'misunderstanding ghax huma qatt ma tkellmu mieghu jekk dan hux gross jew nett. Il-paga miftehma kienet ta' tlett mitt ewro (€300) u huwa qatt ma qatghalha la taxxa u lanqas bolla minnhom billi kienet partner u kien jafdaha. Id-deal li kellhom kien ta' hames snin u mhux sentejn. Huwa jghid li r-ragel tal-attrici kien halsilha t-taxxi meta l-FS3 lanqas kienu ghadhom intbaghtu. Huwa pprezenta dokumenti sabiex jipprova li l-flus kienu investiment u mhux self da parti tal-attrici.

Il-konvenut jghid li l-attrici ghandha taghmel tajjeb ghal zbalji traskuragni u management hazin da parti taghha. Huwa jghid li l-attrici mill-ahhar sebat elef ewro (€7,000) li investiet hija irceviet lura sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) qliegh tal-container. Huwa jghid li missieru kien dahal garanti fuq il-business u wara li telqet l-attrici huwa spicca b'hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) kuntratt tal-birra falz, madwar ghoxrin elf ewro (€20,000) van u lifter mitluqin, hanut mimli skadut madwar hamest elef u sebat elef ewro (€5,000-€7,000). L-attrici kienet ghamlet lilu u lil martu hajjithom infern taqbad ma' kull klijent li jigi l-hanut. Huwa pprezenta diversi dokumenti.

In kontro-ezami l-konvenut fol 104 jammetti li wara li telqet l-attrici huwa ghamlilha tlett post dated cheques wiehed ta' sitt elef (6,000), wiehed ta' ghaxart elef (10,000) u wiehed flok sebat elef (7,000) li kienet taghtu ta' sebat elef u erba' mija (7,400). Huwa jammetti li ghamel stop payment rigward l-ahhar cheque u dan ghax qatghalha l-bolla u t-taxxa minn l-FS3. Mistoqsi ghaliex hargilha cheque ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) meta hija kienet selfitu sebat elef ewro (€7,000) il-konvenut wiegeb li dan ghax mill-container hija kellha erba' mitt ewro (€400) qliegh. Huwa minnhom qatghalha tlett elef u disa' mitt ewro (€3,900) taxxa u bolla. Huwa jghid li l-ghaxart elef ewro (€10,000) u s-sitt elef ewro (€6,000) ma kellhomx x'jaqsmu mal-container u kienu fuq affarijiet ohra. Mistoqsi jispjega kif ghamlu biss erba' mitt ewro (€400) mill-bejgh tal-birra l-konvenut jghid li huma kellhom sebgha u sebghin (77) hanut kif xtraw id-ditta, wara ziduhom ghal mitejn (200) hanut u hmistax-il (15) supermarket. Investew vann u lifter u ghamlu sentejn jimportawha izda wara ndunaw li mill-birra ma kienu qed jaqalghu xejn. Ghaliha l-hanut u l-birra kienu business wiehed.

Dwar il-kontro-talba l-konvenut xehed li oggetti skaduti kien hemm xi hmistax-il elf (15,000). Huwa kien lest li jahfer u jinsa izda l-attrici kompliet sejra. Il-hwienet kienu jghajtu lilu u l-kuntratt tal-birra kien jghajjat lilu wkoll. Hija b'kollox taghtu erba' u ghoxrin elf ewro (€24,000). Mistoqsi jekk dawn kienux self jew investiment il-konvenut wiegeb li kieku ma kienux jafdaw lil xulxin kieku hija ma kienet taghtih dik is-somma u li kieku ma kienx ser idahhalha bi shab minghajr ma tqieghed dokumenti. Huma kienu jafdaw lil xulxin.

A fol 116 in kontro ezami l-attrici xehdet li hija kellha paga ta' tlett mitt ewro (€300) fil-gimgha u taghmel sieghat kemm ikun hemm bzonn. Kien il-konvenut li qalilha li din il-

paga kellha t-taxxi imhallsa u kollox. Karti qatt ma kien hemm. Hija tghid li selfitu ghaxart elef ewro (€10,000), sitt elef ewro (€6,000) u sebat elef ewro (€7,000) b'kollox.

Dwar il-kuntratt tal-birra 'Prince' hija spjegat li huwa kien jghidilha tmur mieghu kullimkien u ghalhekk marret mieghu ghand in-nutara meta sar dan il-kuntratt. Hija kienet ilha mieghu hafna zmien u anke t-tfal kienet tehodlu hsieb. Hija tichad li kienet partner fin-negozju. Mistoqsija tispjega z-zewg depoziti tal-05 ta' April hija wiegbet li dawk kienu l-paga u ccarat li minn Frar sa April bdiet titfa paga. Dwar dawn iz-zewg depoziti hija tghid li ommha taghta xi flus u marret taghtihom lill-konvenut li kienet taf b'ragel tal-affari tieghu cioe' selfithom. Mistoqsija tispjega kif dakinhar stess tal-05 ta' April kienet ghamlet depozitu wkoll tal-kumpanija hija wiegbet li dan jista jkun li meta kienet tmur bil-flus tal-kumpanija dawn kienu jghodduhom flimkien hija u l-konvenut. Hija tghid li ma semghetx lil accountant jixhed li kien hemm misunderstanding dwar min kellu jhallas it-taxxa u bolla.

A fol 123 fl-affidavit taghha Daniela Sammut mart il-konvenut xehdet li hija hadet over mill-konvenuta. Hija ghandha aktar minn erba' snin esperjenza f'dan ix-xoghol u lil kull impjegat li kien jahdem tahtha kienet tinfurmah bil-paga, kemm fil-gimgha jew fis-siegha skont kif ikun ser jithallas, u kemm hi l-paga gross. Is-somma ta' tlett elef u sebghin ewro (€3,070) gew imnaqqsa minn l-ahhar cheque stante li kien hemm misunderstanding bejn l-accountant Kevin Avellino u l-konvenut rigward il-paga hux gross jew nett ghar-rigward l-FS3 form. Meta hija bdiet tahdem sabet hafna oggetti skaduti li kienu fir-responsabilita' tal-attrici li ma gewx ritornati lis-suppliers taghhom. Mill-inventarji hija skopriet li hafna flus intefqu sabiex il-hanut jigi suplit fis-sena 2016 u meta naqset il-bejgh, ghal dik is-sena sabet li l-hanut kien fallut mentri fis-sena 2015 kienu marru tajjeb izda l-attrici ma kellhiex spjegazzjoni ghal dan. Hija tghid li zewgha kien jafdaha kompletament u li l-partijiet kienu shab u kienet l-attrici li kienet tiddepozita l-profitti tan-negozju fil-kont tal-konvenut. Mill-bank statements jirrizulta li meta hija kienet tiddepozita l-flus kienet tiddepozita ammont iehor fil-kont taghha f'hinijiet differenti izda fl-istess data u dan fil-05 ta' April, 2016.

A fol 121 il-konvenut iddikjara li ma ghandux aktar provi.

Il-partijiet trattaw il-kawza.

Ra d-dokumenti kollha prezentati f'din il-kawza.

Ikkunsidra

Li din hija talba ghar-rifuzjoni ta' tlett elef disa' mija u tletin ewro (€3,930) bilanc ta' self ta' somma ta' sebat elef ewro (€7,000) li l-attrici tghid li selfet lill-konvenut. L-attrici tispjega li dan is-self sar fit-03 ta' Mejju, 2016 u mill-bank statements tal-Bank of Valletta jirrizulta dan.

Il-konvenut jghid li huwa ma ghandu jaghti xejn stante li din is-somma kienet investiment li ghamlet l-attrici meta bdew in-negozju tal-importazzjoni tal-birra liema investiment mar hazin u mhux talli ma ghandux jaghtiha izda talli fil-kontro-talba tieghu l-konvenut rikonvenzjonat jikkontendi li hija l-attrici li ghandha taghtih bejn hamest elef ewro (€5,000) u sitt elef ewro (€6,000) talli hija accettat il-pozizzjoni ta' partner kif ukoll obbligat ruhha li tmexxi n-negozji fiz-zewgt ihwienet tal-konvenut hija ma wettqitux u telfet l-istess somma lil Filder Market milli tkompli jiggenera l-qliegh.

Li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet tahdem qabel fis-supermarket iz-Zurrieq u baqghet hemm meta hadu l-konvenut f'Dicembru, 2010. Ghamlet erba snin tahdem bhala casual worker u fis-sena 2015 impjegaha full time. Hija telqet fil-05 ta' Settembru, 2016.

Hija selfet lill-konvenut sitt elef ewro (€6,000) liema pagament il-konvenut hallasha lura tieghu permezz ta' cheque datat 30 ta' Novembru, 2016 fol 53; hija selfitu wkoll ghaxart elef ewro (€10,000) liema somma huwa hallasha lura permezz ta' cheque tat-30 ta' Novembru, 2016 filwaqt li l-ahhar self ta' sebat elef ewro (€7,000) (fol 4 li sar fit-03 ta' Mejju, 2016) huwa l-ewwel hargilha cheque post dated 30 ta' Dicembru, 2016 fl-ammont ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) fol 55 u fol 4 izda wara rega bdielu meta l-konvenut jghid li skopra li l-bolla u taxxa ma tnaqqsitx mill-paga tal-attrici u ghalhekk ghamel stop payment u hargilha cheque ta' tlett elef u sebghin ewro (€3,070) (fol 6) u

baghtilha l-FS3 tas-snin 2015 u 2016 permezz ta' ittra mhux datata izda l-FS3's annessi ghandhom data 23 ta' Dicembru, 2016 u 13 ta' Frar, 2016.

Il-konvenut jammeti huwa stess li ghamel zewg pagamenti lill-attrici li kienet ghamlet self qabel lill-konvenut fiz-zewg okkazjonijiet precedenti dawn gew rifuzi mill-konvenut lill-attrici u dan kif jammetti huwa stess fil-kontro talba tieghu u fix-xhieda tieghu.

Dwar self li sar fit-03 ta' Mejju, 2016 il-konvenut hareg cheque favur l-attrici datat 30 ta' Dicembru, 2016 (fol 55) fl-ammont ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) izda dan ma ssarrafx. Mistoqsi jghid ghaliex ic-cheque hargu ta' erba' mitt ewro (€400) aktar il-konvenut spjega li dan kien sehma mill-qliegh tal-birra.

Gara izda li minflok huwa ghaddielha cheque iehor bl-ammont ridott ta' tlett elef u sebghin ewro (€3,070) wara li naqsilha sehma tal-bolla u taxxa (fol 104 et).

Illi t-Tribunal jifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta`provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC -28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill- għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterji tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' giudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara- App.Inf.9.1.2008-Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et.)."

Illi ghalhekk mehuda dan il-konsiderazzjonijiet kollha dan it-Tribunal ma jemminx il-verzjoni moghtija mill-konvenut u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Mil-FS3 tal-attrici mahruga mill-konvenut bhal 'Proprietor' fol 7 jirrizulta li hija ghas-sena 2015 kellha paga gross ta' ghoxrin elf tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro (€20,322), taxxa elfejn tlett mija u sitta u hamsin ewro (€2,356) u bolla elf disa' mija u wiehed u tmenin ewro (€1,981) (in-nofs taghha stante li n-nofs l-iehor johorgu l-employer jew il-konvenut f'dan il-kaz). Meta tghodd it-taxxa u bolla igibu total ta' erbat elef tlett mija u sebgha u tletin ewro (€4,337). Dan juri li l-attrici ma kellhiex paga ta' tlett elef ewro (€3,000) netti kif qed tallega hi kif ukoll ma jirrizultax dak li qed jallega l-konvenut li t-taxxa u bolla hija ma halsithiex ghas-sena 2015 stante li a fol 9, il-kont tat-taxxa mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, jirrizulta li sad-19 ta' Ottubru, 2016 it-taxxa tas-sena 2015 fl-ammont elfejn tlett mija u sitta u hamsin ewro (€2,356) kienet diga thallset.

Anzi mill-FS3 sena bazi 2015 fol 7 il-paga taghha kienet ta' ghoxrin elf tlett mija u tnejn u ghoxrin ewro (€20,322) jigifieri tlett mija u disghin ewro u tmenin centezmu (€390.80c) u ddikjarata tlett mija u wiehed u tmenin ewro (€381) weekly wage fl-istess FS3; u dik sena 2016 a fol 9 paga ta' disa' xhur hija ta' hmistax-il elf tlett mija u tnejn u sebghin ewro (€15,372) u ddikjarata fl-FS3 tas-sena 2016 a fol 8 bhala mitejn u tnejn u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€282.75c), cioe' paga anqas u hadd mill-partijiet lanqas l-attrici ma jidher li protestat ghal dan tant li hija prezentat il-kont tat-taxxa li jinsab a fol 9.

Kif l-attur naqqas erbat elef tlett mija u tletin ewro (€4,330) mis-somma ta' sebat elef u erba' mitt ewro (€7,400) kif jidher a fol 6 il-konvenut jispjega fl-affidavit tieghu li dan ghamlu biex naqqas il-bolla u taxxa dovuta mill-attrici u fol 104 et huwa jispjega li dan it-tnaqqis sar kif jirrizulta mil-FS3's taghha. Izda dan mhux il-kaz stante l-ammonti ma jirrispekjawx id-dhul gross u t-tnaqqis ta' taxxa u bolla minn l-istess dhul.

Ghaldaqstant it-talba tal-attrici qed tigi milqugha.

Dwar il-kontro-talba tal-konvenut, cioe' t-talba ghad-danni jigi rilevat li ebda prova konvincenti ma giet imressqa mill-konvenut tal-allegat ammont ta' danni, u r-ritratti ta' xi prodotti skaduti u x-xhieda tieghu u ta' martu xorta wahda ma jippruvawx l-ammont ta' danni li l-konvenut qed jghid li soffra.

Ghaldaqstant il-kontro-talba tal-konvenut qed tigi michuda.

Dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa't-talba attrici u jordna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef disa' mija u tletin ewro (€3.930) bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u jichad il-kontro-talba tal-konvenut.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**